

Brussell, 25 ta' Ottubru 2019  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0330/A(COD)**

---

---

13329/19  
ADD 1

CODEC 1515  
FRONT 284  
SIRIS 153  
COMIX 483

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 ( <b>l-ewwel qari</b> ) - Adozzjoni tal-att leġislattiv = Dikjarazzjoni

---

**Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

Huwa mistenni li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tiffaċċja ċirkostanzi ta' sfida fis-snin li ġejjin biex tissodisfa l-ħtieġa eċċezzjonali li tirrekluta u żżomm membri tal-persunal kwalifikati mill-aktar bażi ġeografika wiesgħa possibbli. Fid-dawl tal-mandat tal-Aġenzija u tal-għadd kbir tal-membri tal-persunal tagħha, huwa essenzjali li jiġu esplorati mekkaniżmi li jippermettu li l-attraenza tal-Aġenzija bħala impjegatur tkun żgurata, billi r-rimunerazzjoni tal-membri tal-persunal tal-Aġenzija f'Varsavja jiġi adattat, f'konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għalhekk jappellaw lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-bażi u l-modalitajiet għal kwalunkwe tali mekkaniżmu xieraq, b'mod partikolari meta tippreżenta l-proposti għar-reviżjoni tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet ta' Impjieg ta' Uffiċjali Oħra tal-Unjoni, stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68<sup>1</sup>. Kwalunkwe mekkaniżmu tali għandu jkun proporzjonali mal-importanza tal-oġġettivi segwiti u ma għandux iwassal għal trattament mhux ugwali fost il-membri tal-persunal tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, jekk tali istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni jkunu kkonfrontati b'sitwazzjoni simili.

---

---

<sup>1</sup> ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.